MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 656/2006

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Angelo Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta` Lulju, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u tletin lira u tlettax il-centezmu (Lm130.13), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contact number 1004500 in konnessjoni ma` servizzi lilu rezi ghax xhur ta` bejn Marzu u Mejju tas-sena 2005. Intalbu wkoll l-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 30 ta` Settembru, 2005 u tal-mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment ma` l-istess avviz.

Sema` lil P.L. Peter Paul Sammut jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont kien ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Innota illi ghalkemm legalment notifikat il-konvenut baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici u kif ukoll l-istess konvenut naqas li jattendi ghas-seduta ta` llum biex jikkontesta l-istess talbiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` mija u tlettin lira u tlettax il-centezmu (Lm130.13), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-30 ta` Settembru, 2005 u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------